# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2002**

**Numru 10**

**Avviz numru 233/02mm**

**Mario Micallef**

**vs**

**Sinclair Cauchi**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm3,650.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attur konsistenti fil-prezz li hallas lill-konvenut fuq it-trasferiment tal-vettura Citroen Saxo numru GEO 262, u l-konvenut jiehu lura l-istess vettura billi rrizulta li l-istess vettura mhiex tal-kwalita' pattwita ai termini ta' l-artiklu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-11 ta' Marzu 2002, u bl-imghax relattiv mid-data tal-bejgh u cioe' mill-5 ta' Marzu, 2002, sal-pagament opportun kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-13 ta' Mejju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg